# LA VALETTE

## DRAMMA

mill franciz ta Patri Monghaye S. J.

---

Tifsira bil malti ta

ALF. M. GALEA

"Empire Press"
266, Strada San Paolo, Valletta.

J9700
M6G3
P 8.205

8.10

# LA VALETTE

## DRAMMA

mill franciz ta Patri Monghaye S. J.

---

Tifsira bil malti ta

ALF. M. GALEA

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY

"Empire Press"
266, Strada San Paolo, Valletta.




ROYAL UNIVERSITY ... MAIN LIB

# LA VALETTE

---

Fuk il Palc—colħadd meta imissu.

---

**Giŭan La Valette**—Sultan ta Malta

**'ra Giacbu**—Piriol ta San Giŭan

**Pietru del Monte**—Armirall (*Italja*)

**Giŭanni de la Cerda**—Cmandant (*Castilja*)

**Raŭl Coppier**—Marixxall (*Alvernja*)

**Costantin Castrioto**—Cmandant (*Portugall*)

**Côri de Robles**—Cmandant (*Portugall*)

**Carlu Manfredi**—Câp taj Milizzja maltija

**Rodrigu de la Cerda**—suldat minn rajh

**Bertu La Valette**
**Fredu ta Toledu** } paggi tas-Sultan

**Ibrahim**—Agà tal Giannizzri (*il kuddiem, Lascri*)

Daŭn il ġrajja igħaddu minn għaliehom il Birgu, fil Cunvent tal Ordni, bejn ix-xahar ta Giŭnju u ix-xahar ta Settembru tas-sèna 1565.



IS-SULTAN LA VALETTE

# LA VALETTE

## L'EŬŬEL TAKSIMA

### I

La Cerda u Rodrigu

La Cerda—Dejjem xorta, don Rodrigu! il-lsienu jeclu biex isemmili il La Valette ta coll meta niltakgħu! Donnu irid jeħodha miegħi!

Rodrigu—Imm'int, zi, l'għaliex tieħu għalic, billi nsemmihulec? X'fiha billi nfaħħarhulec lis-Sultan?

La Cerda—(*jisħon*) La trid tâfha, ngħidhielec... Cûn âf l'int tŭaġġagħli kalbi ta coll darba, Rodrig!

Rodrigu—Ma nistax nifhmec, zi!... Ninsabu mdaŭŭra bl'egħdeŭŭa l'irossuna minn collumchien... u fil ŭakt li aħna ilcoll it-tâma tagħna, ŭara Alla, *fih* biss; int ŭaħdec ma tridx tisma b'ismu La V...

La Cerda—Ser tarġa?... għidtlec la issemmihulix, Rodrig! Chif lmaħtec gejj, gieni kuddiem għainejja missierec, dac ħija il maħbub, daks chemm int tixbħu!... Hemm, f'xatt Santjermu... hemmecc is-Sultân ħaffirli kàbar, fil ŭakt li jien tbegħidt ħin ŭieħed...

Rodrigu—*(jitchellem ŭaħdu, bħal bejnu u bejn ruħu)* X'kiegħed igħaddili minn moħħi?

La Cerda—Għâdni nasal mn'hemm... mnejn bagħtuni daŭc li bakgħu ħajjin... u issa chif, niltaka' miegħec...

Rodrigu—Zi!...

LA CERDA—....trid int kalbi timlieli bl'ımrâr ?... Mûr, mûr għal miegħu dan La Valette tiegħec !... u lili ma għandec xejn xi tridni. Jakaŭ, m'hux biżżejjed li għamilli ?... Mkâr l'imħabba ta dan it-tifel irid issa jisrakli ?... Mûr, mela... u nsieni !

RODRIGU—Lilec sejjer jien katt ninsa, zi!... F'idejc missieri telakni... daŭn chienu l'aħħar chelmiet tiegħu...

LA CERDA—Missierec chien ragel; u bħala cavalier, katt ına messu jokgħod għalli minnu ried...

RODRIGU—Bħala nisrani, missieri għacches lilu innifsu, u niżżel rasu għal chelma tas-Sultan, bla ma kagħad jiftacar bin minn chien. Mis-sèma, mnejn nistħajjlu kiegħed jismagħni, naħseb li jiċħad l'ibnu jecc miegħec, zi, jien naħbat nżomm bla ma nifhem l'għaliex int trid teħodha miegħu, u b'hecc actar nsaħħnec għalih... għax, minn għalija, ankas biss nixtiekec ittarrafli fukiex csirtha miegħu. Chif rajtu, ruħi lejh ngibdet. Hu il câp tiegħi... dakschemm hu tiegħec ucoll. Ħadd miegħu ma iħabbatha u la għal kalbu u ankas għal ħiltu... ma nistax ninsa chemm kabeż għalija...

LA CERDA—U int.... tħobbu ?

RODRIGU—Nista ma nħobbux ?

LA CERDA—Mîn ?... lilu ?... dac li kalagħ il barra il ħaddieħor, biex ndehes hu fejn ma ŭesgħux?

RODRIGU—(*ŭaħdu*) Issa ked nifhem !

LA CERDA—Le, Rodrigu, bejnu u bejni int għażel. Jecc lilu tħobb, lili għobogħdni....

RODRIGU—X'int tgħid, zi ?

LA CERDA—Hemm hu... arah gejj dac l'għaref tiegħec! Ser nitlak. biex ankas miegħu ma niltaka'. X'tgħidli, Rodrig ?...

RODRIGU—(*irid chiecu iżommu*) Zi, fl'isem t'Alla !...

LA CERDA—(*iŭarrbu minnu*) Għajb għalic, Rodrigu !

RODRIGU—(*ŭaħdu*) X'għamiltlu jien biex jaħkarni b'din il chelma ?

## II.

LA VALETTE, FRA GIACBU, RODRIGU

LA VALETTE—Rajtux chif għamilli, Rodrig ?... dejjem jaħrabni La Cerda !... U int, Fra Giacbu, ked târa b'għainejc chemm għandu għalija ? Seba' snîn hîlna sejjrin hecc... Seba' snîn ! U x'bkajt ma għamiltx biex lejja niġbdu ?... Sħakt fl'ilma !

FRA GIACBU—Monsinjur, kalbi teħbirni li collox għâd jisseŭŭa bejnietcom. Imma, b'mîn tgħid Alla sejjer jinkèda ?... Hux b'dan it-tifel, tgħid ?

RODRIGU—Jien ?...

LA VALETTE—(*lil Fra Giacbu*) Minn fommoc, l'Alla ! (*idur lejn Rodrigu :*) X'tgħidli, Rodrigu, trid tidħol int bejnietna ?... Iħobboc xejn ziŭc ?

RODRIGU—Xejn hu ma irid jâf b'imħabbti jecc lilec jien nħobb !

FRA GIACBU—Imma, jien ma narahicx bi cbira.

LA VALETTE—U jien nħossni nittama fîc, Rodrigu. Kallec xejn l'għaliex għandu għalija ?

RODRIGU—Minn chelma li ħargitlu.... kbadt collox, Monsinjur.

LA VALETTE—Jaħasra għalih dac La Cerda ! Meta in-nies tagħna lili riedu bħala sultan tagħhom, La Cerda ŭaħħal f'moħħu li naksuh u deherlu illi ħtija tiegħi il ma għażlux lilu ! Minn dac iż-żmien, ma jaħmilnix; u għalchemm kist dejjem nagħmillu il gîd, donnu actar ŭebbes kalbu. Saħansitra, ridt f'idejh nitlak il ħacma fuk in-nies tagħna, u jien nokgħod għal chelma tiegħu daks l'ankas ŭieħed fostna.

FRA GIACBU—Biex chien ikalleb collox ta taħt fuk ; ma nafuhx jabbni lil La Cerda!

LA VALETTE—Int, għallankas, ara x'tista tagħmel biex isserraħni mit-tokol ta dan is-salib, Rodrig.

RODRIGU—X'nista jien, dakxejn ta tifel bħali ?

LA VALETTE—X'tista tagħmel ibni? Ràttab kalb ziùc... faccru fi dmiru... reġġgħu għal mħabbti... Int haùn gejt, Rodrigu, b'fehma sħiħa li titħarreġ fis-sengħa tas-sarâr biex tilħak cavalier fl'Ordni tagħna. U jien natic chelma, li akùa xogħol minn dan li tlabtec, ma tistax tiltakà' miegħu biex titraùùem għall Ordni tagħna !

RODRIGU—U għalli trid minni jien nokgħod, Monsinjur; u għâd li b'regħxa cbira fuki, bil għajnuna t'Alla u t'Ommu il ħanina, nidħol għal dan id-dmìr.

FRA GIACBU—Rebbieħ int toħroġ, Rodrigu. Iż-żmien u is-sàbar igħallmuc tfarraġ dic il kalb muġugħa. Fittxu, itlob, ibchi, la terhiħx, Rodrig, u fl'aħħar trattbu.

LA VALETTE—La titilkux minn taħt għainejc, Rodrigu. Seùùilu jarġa lejn Santjermu; ibka sûs urajh mkâr hemmec, jiġri li jiġri. U, fuk collox, ara ma jintebaħx li bgħattec jien.

RODRIGU—Għal dakshecc, ħalli f'idejja, Monsinjur !

LA VALETTE—Ùara Alla, it-tâma tiegħi fìc, Rodrigu!

*(Rodrigu ibûs ìd La Valette u iùarràb.)*

## III

LA VALETTE u FRA GIACBU

FRA GIACBU—Nistħajjlu joħroġ ta ragel dan Rodrigu !

LA VALETTE—Imm'int, Fra, ankas biss ma tista tobsor f'liema baħar jinsâb La Cerda! Tafx li ùera biddieher i'iżomm mal għedeùùa tagħna? Tafx li fil lakgħa li chellna siegħa ìlu, La Cerda tarrfilna jaħbtilniex actar nitbiegħdu minn Santjermu, u it-Toroc nitilkulhom jidħlu ?

FRA GIACBU—Sa haŭn jigifieri chellu ħîla jasal dac La Cerda.

LA VALETTE—Meta ngħidlec li in-nies tagħna, ŭara li għal tmintax il darba tefgħu l'ura l'egħdeŭŭa, u għâd li sitt elef fosthom ħalleŭ ħajjithom, ħalfu li minn Santjermu ma jitħarrcux mkâr jafu l'imutu ilcoll, issa ħàbtu jaktgħu jieshom: jeŭ għax għajjenin jeŭ għax xiħadd daŭŭrilhom moħħom! Din ix-xniegħa għaddietli il-bieraħ minn għala ŭidnejja; u il-lum, Dun Giŭan La Cerda in-nifsu ŭassalhielna!... Jalla m'hux hu ħàrbat collox!.... Milli nara, sejjrin l'ura.... tlakt ŭisk f'idejn ħaddieħor.... fejn katt cont naħseb li sejjrin ikarku bija?.... Għaliex b'câp tagħhom lili riedu?....

FRA GIACBU—Nagħdrec, Monsinjur, għad-dŭejjak li fihom tinsâb. Iżda, jecc uħud minn nies tiegħec u l'akŭa fosthom u l'actar kalbenin, miegħec iżommu, l'għaliex takta jiesec? Għandec il Del Monte, il Coppier, ir-Roblès, il Castrioto.... u magħhom il Maltin collha, u coll ŭieħed minnhom għal chelma tiegħec, minnufih miegħec issibu irid imidd ħajjtu għal gîd ta din l'art u tat-Tŭemmin in-nisrani; jakaŭ għandec fehma li ser noħorġu tellefin?

LA VALETTE—(*ħusbien*) Iva, Fra Giacbu, chif tridna nirbħu jecc ta madŭarna ŭieħed ŭieħed kegħdin jitilkuna? Xahar, xahar sħiħ, îlu Hussejn iħuf madŭarna u irossna minn collumchien...., għidli, għidli, Fra, mîn fostna mâr jilkagħlu bis-sejf?.... U il ġnus l'oħra il barranin x'għajnuna kegħdin naraŭ minn għandhom? Jakaŭ nseŭna? nseŭ li ŭegħdulna? Ma jafux eŭŭilla f'liema tiġrib ninsabu? X'sâr minnu dac Gużman ta Toledu, li kîsu jisma minn Skallija il crîb tan-nies tagħna u l'għajjât tal egħdeŭŭa, u xejn ma tħarrec? Mitejn cavalier minn tiegħu mlebilbin biex jitilku u haŭn jiġu jatuna dakka t'îd, u ankas biss ma iħallieħom! Talbuh

minn Ruma jibagħtilhom iġ-ġħen iŭasslulna in-nies li ħaŭn jixtieku jiġu għal magħna, u x'itemtem dac Gużman ta Toledu; għajb għalih, xejn lil ibnu ma jixbah dac il Vicirè!

Fra Giacbu—Mel'int, Monsinjur, it-tâma tiegħec f'is-setgħa tal ġnus l'oħra u is-slaten tagħhom? It-lakhom!.... dic Franza daks chemm tinsâb mġarrba mill egħdeŭŭa tagħha, u il Germanja li tilfet râsha, għalchemm ħakkha għal cburitha! L'Ingliterra nkalbet ta taħt fuk la darba riedet tinfatam minn ħdân il Cnisja Mkaddsa biex kagħdet għax-xeŭkât mgħarrka tas-sultan tagħha. U li Spanja donnha ittarrxet; bina ma tridx tâf! Iżda, Alla magħna, La Vallette, u mniex għandna x'nibżgħu? Haŭn, f'din il Gżira, Alla bagħat l'Ordni tagħna, ħh biss it-tâma tagħna biex l'in-Nofs-Kàmar nilkgħulu! Jecc aħna immutu, mkâr minn kabarna, rebbieħ joħroġ mill imŭiet is Salib ta Cristu.

La Valette—Għadirni, Fra Giacbu, jecc ŭakt ŭie-ħed ħassejtni naksitni il ħîla. Int tâfni, int tâf liema hi fehemti, imm'int tâf ucoll l'għaliex kalbi magħ-dura. Xejn bija ma jagħmel it-tiġrif, għal collox nidħol, iżda jiebsa ŭisk l'issîb ruħec milgħub minnu, ŭara li fuk colħadd ħabbejtu!... Eh, dac La Cerda, b''e:kel sejf din kalbi nifidli! Actar ma ħabbejtu, actar ma għâjjet għalija!

Fra Giacbu—Monsinjur, La Cerda għâd jisogħbih milli għamillec, u għal miegħec għâd jarġa!...

La Valette—Minn għalija, Missier, id-dmugħ tiegħi u din ħajjti u colma fija jien nitlak f'idejn Alla; icun minni l'irid hu, u il cbira ħnientu jien nibka dejjem mbierec.

## IV

Ta kabel, u BERTU, il Cunsill, u IBRAHIM.

BERTU LA VALETTE *(jidhol)*—Monsinjur, tal Cunsill ltakgħu.

LA VALETTE—Għidilhom jidħlu! *(joħrog u jarga jidħol iŭassal il Monti, Roblès, Coppier, Castrioto, Manfredi, La Cerda, żeŭg paggi—u jibkgħu ŭekfin, coll ŭieħed fejn imissu)*

LA VALETTE—Ngħidu it-talba.

FRA GIACBU—*jakra it-talba lis-SSma. Trinità; mbagħd is-Sultan ifaccarhom li għandhom issa igħidu colma jidhrilhom għal gîd tal Ordni; u fuk din, jokogħdu bilkegħda.*)

LA VALETTE--Ngħarrafcom illi l'egħdeŭŭa bagħtulna lil Ibrahim biex magħhom niftiehmu. Nilkgħuh chif jixraklu, għax hecc dmirna.... (*jarfa îdu lejn il bieb biex Bertu idaħħlu u dan jarġa l'ura ma Ibrahim.*)

IBRAHIM—Cavalieri, isimgħuni! L'akŭa rgiel, li jistħokkilhom coll gieħ, bosta drabi jimbagħdu bejniethom u jaħbtu għal xulxin, Minn għalija, gejt kuddiemcom bil kîma li tixirkilcom chif jixhiduli Allaħ! Iżda, jaħtieġli inŭasslilcom cliem Sîdi li għandcom bagħatni. Daŭn cliem Sulejman, u għandi fehma li ħadd m'hu sejjer jicsirhomlu: "Malta jaħtigilha tbatti mill klugħ tagħħa il bandiera il ħamra tas-Salib illi għal snîn il cbâr regħdet is-Saracini fuk il baħar. Malta...."

LA VALETTE—Kabel xejn, Sulejman irid jisbokna biex mbagħd jigi iheddidna....

IBRAHIM—Sîdi kîsu rebaħ! Jumejn oħra Santjermu jaka' taħt idejna.

MONTI—Dan ħadd ma jista jafu!

LA CERDA—Fuk ruħi, l'agà jâf x'ked igħid!

ROBLES—Jakaŭ lilec giè kâlu, ja....

LA CERDA—Xi trid tgħid biha din ?... jien mbiegħcom lil egħdeŭŭa ?

(*La Valette haŭn jarfa îdu biex isicchithom.*)

IBRAHIM—Sulejman ragel, u daksu ragel l'agà tiegħu, li haŭn ked jagħmel għalih : hu bagħatni niftħilcom għainejcom, għax la darba Santjermu jaka' taħt idejna, il Birgu tagħna ! Cavalieri, bil bosta actar jaħbtilcom titilku minn rajcom u bilġri magħcom tieħdu lejn Skallija id-deheb li għandcom....

LA VALETTE—M'injex nifhem !

CASTRIOTO—U gieħna x'jibka fih ?... U din it-tebgħa, mîn katt actar minnha jeħlisna ?

IBRAHIM—Ftacru ta rgiel l'intcom illi minn Rodos Lisladam htieġlu jitlak meta tcabbarlu lil dac Sulejman li issa b'fommi kiegħed lilcom iŭissi għal gîd tagħcom, u haŭn mbagħd nġàbar, fejn Missier ir-Rumîn bagħtu jistchenn, u xejn intcom ma dehrilcom li tliftu giehcom. Jakaŭ ma chien ragel dac Lisladam? Għamlu bħalu, ixxiebħu lilu u le ma jibdielcom ! Li chelli nfissrilcom, għidtulcom; daŭn cliem Sulejman !

LA VALETTE—Tracu it-tŭiegiba tagħna inŭassluhielu lil Sulejman !

(*Ibrahim isellem, u joħroġ ma Bertu.*)

## V

### Lakgħa tal Cunsill.

COPPIER—X'aħna nitniccru ?

ROBLES—Fukjex bakagħlna x'niftiehmu ?

MONTI—Ma tajniehex chelmtna, jakaŭ ?

MANFREDI—Għal collox nokogħdu barra minn tebgħa bħal din ! Dan katt ma icun !

CASTRIOTO—Sal aħħar nifs tiegħu, jibka l'Ordni jeħodha mal egħdeŭŭa biex din il Gżira jeħles mill jasar tagħhom il Misilmin.

MONTI—Hecc ilcoll ħlifna....

COPPIER—....fuk is-salib mkaddes!

LA CERDA—M'hux lachemm tgħidu! M'hux colħadd...

COPPIER—Mel'int ma tokgħodx għalieha?

ROBLES—Tridniex int eŭŭilla nħalluha tgħaddi tagħhom l'egħdeŭŭa?

LA CERDA—La tisħonx, Roblès!... kabel xejn teħodha miegħi, ismagħni!...

LA VALETTE—Iva, xierak nisimgħuha minn fommu l'aħbâr il ħażina li miegħu bagħtulna minn daŭc l'isŭar l'mġarrfa ta Santjermu.

LA CERDA—Xierak, iva, għâd illi intcom, la darba jidhrilcom li tafu liem'hi din l'aħbâr,ktajtuha x'għandcom tagħmlu.... Ħsibtu xejn, imma, fit-tiġrib li fih ħutna jinsabu?.... Ftacartu li huma jinsabu lejl u nhar taħt il killa tal egħdeŭŭa, bla serħân ta xejn? Kalulcom li Santjermu mdendel ma ħarira?... Issŭar nofshom imŭakkgħä, dmija collumchien; mîn jista actar jilkagħlhom l'egħdeŭŭa?... Għal mîn, ŭara collox, għalfejn sejjrin ixerrdu demmhom daŭc li għâdhom ma nkerdux? X'sejjrin nirbħu ŭara collox, jecc is-sŭar ŭakgħu u ankâs xaħx m'hu ser jibka biex timla kàbar ŭieħed?

LA VALETTE—Alla tiegħi, jiekaf miegħi!

MONTI—Għajb għalina; imissna nistħu!

LA CERDA—Ma għamilniex li stajna?.., Daŭc is-sittin ruħ li bakgħu s'issa ħajjin, daŭn ucoll tridu tekirduhom?... Ħadd minnhom sa għâda ma jibka!

LA VALETTE—Kalbu micduda is-Sultan.... iŭieġbec ħaddieħor.

MONTI—U m'hux ta b'xejn micduda!

CASTRIOTÒ—Imm 'int, La Cerda, int mîn bagħtec? Ġagħluc ħutna jakaŭ tŭasslilna din ix-xniegħa?

ROBLES—Mîn, għid, mîn minnhom nakas minn chelmtu? Għid, jecc għandec il ħîla! Mîn?....

COPPIER—Lamiranda?.... Guimeran?...

FRA GIACBU—Eŭ Bridiers, li m'haŭnx għalih?

MANFREDÌ—Hux Negroponte, ragel fuk rgiel?

LA CERDA—Meta sittin ruħ f'saħħithom sejjrin dejjem bla ma jaktgħu xejn taħt in-nâr tal egħdeŭŭa, midrubin bil gebel, mbiċċrin, ankas sûra ta bniedmin ma bakegħlhom, minchejja fihom jibagħtuni ngħidilcom li actar ma jifilhux, x'jibka ħja?... jeŭ xi tkisuhom daŭc l'erba' li semmejtu?

FRA GIACBU—Daŭc l'erba' biss, mela, kegħdin iżommu sħiħ!

CASTRIOTO—Jista katt igħaddilec minn rasec, li daŭc sejjrin ma iżommux chelmthom?

COPPIER—Nixhduhulhom aħna!

CASTRIOTO—Tliet ijiem îlu cont Santjermu, u b'daŭn għainejja rajthom itellgħu is-sŭar il ġodda fuk iddmija tal mejjtin. Bridiers resak lejja igħidli: "Ħalli jordmuna taħt daŭn l'isŭar l'egħdeŭŭa; minn haŭn ma nitħarrcux!" Daŭn cliemhom l'ir-rgiel!

LA CERDA—U iva, cliem!

ROBLES—Oħroġha, mela, la trid tgħidha!

COPPIER—Jidhirlec int li Santjermu ta mîn jitlaklu?

MANFREDI—U żmien it-tliet gimgħât li s'issa rbaħna, m'hux tgħid, ta mîn ikîsu? M'humiex tliet gimgħât mirbuħin għal Birgu, li fihom tmintax il darba reġġajna l'ura l'egħdeŭŭa u mal għaxart elef ruħ minnhom kridna, u għalliet il cburi Hussejn rażżanna, u bieb il marsa żammejna miftuħ biex jilħku minnu jidħlu iġ-ġfien ta Toledu? Xejn m'huma, mela, tliet gimgħât mirbuħa?

LA CERDA—U int bħalec għâdec tittama f'Toledu? Ma taraŭx li ked igħaddi iż-żmien bicom?

FREDU—Mîn.... missieri?

FRA GIACBU—U mbgħad, fl'aħħar mill aħħar, jecc colħadd l'għajnuna tiegħu jiċħdilna, u nitilfu, u jiekirduna mid-dinja, ftacru illi il meŭt ta daŭc li għal Alla imiddu ħajjithom, tcun żerriegħa ta gîd għal mîn jigi urajna,

LA CERDA—Triduhom imutu daŭc li haŭn għandcom bagħtuni?... Halluhom imutu, la tridu! Iżda, jecc ma jokogħdulcomx għalli minnhom tlabtu, x'sejjrin tagħmlu?... Aħsbuha!

LA VALETTE—*(ikum bil ŭiekfa)* Jecc ma jokogħdulniex?... Immur jien magħhom; u jecc cliemi ma ikisuhomx, joktluh jecc iridu is-sultan tagħhom! Ejja, Monti, nitilku flimchien.

*(Jidħol Bertu bla nifs)*

## VI

Ta kàbel u BERTU

BERTU—Monsinjur għandi din għalic!

LA VALETTE—Minn Santjermu?.... *(jakra, bla jiltiesef)*

LA CERDA—*(jinħàsad)* Tgħid?...

CASTRIOTO—*(taħt il-lsien lil Roblès)* Is-Sultan narah jisfâr!

ROBLES—*(iŭiegħbu)* Alla jibagħtha tajjba!

LA VALETTE—*(jarfa għainejh mill ittra)* Mbierca il ħniena t'Alla! *(igħaldi l'ittra lil Fra Giacbu)*, Patri, akraha!

FRA GIACBU—*(jakra:)* «Colħadd magħna f'Santjermu; magħna sal meŭt! Ix-xeŭŭiexi tŭarrab minn fostna!...»

LA CERDA—*(ŭaħdu)* Tlift collox!

CASTRIOTO—(*taħt il-lsien lil Roblès*) Ħaŭn hu, nkàbad!

FRA GIACBU—Mbierca din l'aħbâr, u mîn bagħatha!

LA VALETTE—Issocta akra, Fra Giacbu! akra il bkija.

FRA GIACBU—....Dalgħodu l'egħdeŭŭa reġġħu ħàbtu għalina. Colħadd għamel dmîru, ilcoll lakgħulhom... Darbulna il Bridiers... Chif lejh dorna: «Itilkuni,» kalilna, «la terhulhomx lil egħdeŭŭa!» u rajnih jitcaxcar collu dmija lejn il cnisja mġarrfa tal forti!

ROBLES—Miet?...

LA VALETTE—Isimgħu il bkija!

FRA GIACBU—(*jakra*) Hecc chif l'egħdeŭŭa refgħu min-nâr u il gebel, ilcoll tlakna l'hinn; nsibuh mgħargħar f'demmu, fuk it-taraġ tal artal; refa' għainejh lejn is-salib, u ta ragel li hu "La taktgħux kalbcom!" kalilna; u ruħu ħarget.

CASTRIOTO—Miet martri!

FRA GIACBU—(*jakra*) Mal aħħar nifs tiegħu, ilcoll talbuni nitlob maħfra għaliehom lis-Sultan,u ŭegħduni li jokogħdu għalli jitlob minnhom!

BAILLY TA NEGROPONTE.»

Hecc Alla ibiddel il fehma tal bniedmin!

BERTU—(*lil La Valette*) Monsinjur, chif il Cavalieri semgħu li Santjermu sejjer jaka' għal egħdeŭŭa, bagħtuni nitolboc tħalliehom imorru hemm.

LA VALETTE—Għidilhom li ŭakthom ma ŭasalx.... Għal tiġrib ieħor icunu jinħtieġu!

BERTU—U lili talankas ma tħallinix nitlak, Monsinjur?

LA VALETTE—Lilec?... lilec Santjermu?...

BERTU—Għax jien ucoll nixtiek lilec nuri chemm hu għal kalbi isem La Valette.

ROBLES—Bħalec, x'trid tmur tagħmel, għâdec tfajjel!

CASTRIOTO—Ħalli immorru aħna!

BERTU—(*jixteħed f'riġlejn is-Sultan*) Monsinjur!

LA VALETTE—Xtakt mn'issa nlahhkec cavalier u hemm nibaghtec f'it-takbida mal eghdeüüa, halli mbaghd ma ighidux li jien ridt ngenneb il bin hija... Mûr, iva; u jecc ghal mieghu Alla isejjahlec, mieghec jien ucoll ncun xerridt demmi! (*lil La Cerda*:) Id-dmïr tieghec, int tafu... idhol ghalih! (*lil Bertu*:) Arġa dahhal lil Ibrahim. (*Bertu johroġ*).

LA CERDA—(*bejnu u bejn ruhu*) Minnec u minn ohrajn ma ndumx ma nithallas!

## VII

Ta kàbel, u IBRAHIM

LA VALETTE—Ibrahim, ismaghni! Chiecu katt minn rajna f'dil Gżira ahna gejna, ma conn'niex le ahna nitilkuha. Iżda, la darba Missier l'Insara haün riedna niġu u fl'isem t'Alla baghatna Malta inüahhlu il bandiera tas-Salib, chelma natic, li minn ghalina minn Malta ma nitharrcux! Lilec kaüüi shih nhalluc tasal ghand il Bâxa, biex din it-tüiegiba taghna int tüassallu.

(*Johorġu ilcoll flimchien. La Cerda jindehes ma Ibrahim u ighidlu taht il-lsien*:) "Ismaghni chelma, chelma üahda, ja Sîdi!"

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY

# IT-TIENI TAKSIMA

## I

FRA GIACBU u MONTI

FRA GIACBU—Bkajna minn taħt, Monti!

MONTI—Iva, Fra. Santjermu tlifnih, u Malta tibchi bi dmugħ tad-demm il maħbubin uliedha!

FRA GIACBU— Daŭc, iżda, marru fil hena ta dejjem!

MONTI—Ngħejr għaliehom daŭc ir-rgiel; imma, kalbi tinagħfas meta nahseb li Guimeran u Negroponti mietu il bgħid minni!... Ma tlumnix!

FRA GIACBU—Mîn igħidlec li mietu?

MONTI—Ir-rgiel bħalhom ma jakgħux ħajjin taħt idejn l'egħdeŭŭa: jeŭ jirbħu, jeŭ imutu! Jecc tabilħakk Santjermu ŭaka', miegħu ŭakgħu huma ucoll!

FRA GIACBU—Għâdna ma nafux collox....

MONTI—Nafu li Santjermu ŭaka'!...

FRA GIACBU—Hiereġ dal ħin mill li Sptâr il Cbîr fejn il midrubin s'issa żammeŭni....

MONTI—Fra, iżżiħajr l'Alla l'int ma rajtx li rajt jien b'daŭn għainejja minn fuk l'isŭar, kalbi ittaktak iż-żmien collu bejn il bìża u it-tâma? Santjermu stħajjltu gifen mdaŭŭar bin-nirien f'nofs ta baħar! U dakka nilmaħ ħin ŭieħed il bandiera tas-salib tixxejjer mar-riħ u fil ħin tarġa tgħib.... u jien ma sħabi ma nistgħux mill bgħid natuhom dakka t'îd lil ħutna.... Alla tiegħi, x'titlob minn'na fil ħsara li fiha ninsabu?...

FRA GIACBU—U is-Sultan tagħna fejn chien?

MONTI—Chien fostna, bla xejn ma jittiesef... Jarah il Santjermu sejjer jaka' u ankas biss lilna ma jibagħtna l'hinn!...

FRA GIACBU—Nistħajjlu ried lilcom madŭaru iżomm għal xi takbida oħra, la darba il forti ma satax jieħilsu.

MONTI—Għid is-seŭŭ!... Hàbta ta nżul ix-xemx, ŭakgħet ħemda għal meŭt.... mbagħd lmaħna ixxejjer il bandiera tan-Nofs-Kàmar... Mbiercä l'għajnejn li ma raŭhiex din il ħsara!

FRA GIACBU—(*iċaklak rasu*) Hecc Alla ried, Monti...' ma nghemgmux.... Minn din il ħsara, ħarġu reb' beħin ħutna li xerrdu demmhom għal isem t'Alla: daŭc ħutna, martri... u mkâr La Cerda....

MONTI—La Cerda?... Mel'int ma smajtx l'hu ħarab minn Santjermu... Għajb għalih!...

FRA GIACBU—Għajb għalih; imissu jistħi!

MONTI—Jistħi ngħid! Tarah idur mal Birgu, donnu m'hux hu!... Jabbni; ma jâfx illi is-Sultan iżomm dejjem miegħu! Mkâr ħajjtu La Valette jati biex jilkagħlu lil Sulejman.... iżda mogħmi urajh dac La Cerda, u jidhirlu li b'dakshecc ser jiġbdu lejh! Sèba snîn ilu jitħâbat; x'rebaħ issa b'xirfu collu?... X'irid jibka jittama?

FRA GIACBU—La tlumux, Armirall, kàbel fehemtu ma tcun tâf seŭŭa!

MONTI—U int ucoll miegħu iżżomm, ŭakt li dac La Cerda jixtrina u ibegħna... u fil ŭakt Rodrigu miegħu jaksam f'dan il kerk?

FRA GIACBU—Mîn?.... Dac id-dakxejn ta tifel?... bin ħuh, trid tgħidli? Katt la temmen, Monti; nafu seŭŭa lil Rodrigu!

MONTI—Messu Santjermu, u haŭn ma zijuh jinsâb Rodrigu.... bħalu miexi ħażin!

FRA GIACBU—Minn għalija, Rodrigu bla ħtija!

MONTI—Ma nistax nakbad tarí!....

*(jidħol Bertu La Valette liebes ta giannizzru, u jixteħed f'riġlejn Fra Giacbu)*

II

BERTU—Missier tiegħi!

FRA GIACBU—Mîn?... Bertu?...

BERTU—Colni chemm jien!

MONTI—Dan chif?...

FRA GIACBU—Mîn katt chien jobsor bîc, ibni! Icun mbierec Alla l'rġajt għal magħna.

BERTU—Mis-sejf tal għedeŭŭa ħlist....

MONTI—Ħŭejjeġ tal għageb tabilħakk!

BERTU—Donnha ħolma din tiegħi, Armirall! *(fil ħin imiss ġbinu, jinteba ħ l: għâdu bit-turbant, u jitfgħu taħt sakajh)* Minchejja fija nsejtha fuki din ir-ràbta tal Misilmin.

FRA GIACBU—is-Sult in jâf l'int haŭn, Bert?

BERTU—Nittennih haŭn, għax l'Armirall tal Alvernja...

FRA GIACBU—Haŭn hu!

III

Ta kàbel, u LA VALETTE

BERTU—*(jiġri lejh)* Monsinjur!

LA VALETTE—Tersakx lejja, kabel ma nâf tistħokklocx mħabbti!

MONTI—*(ŭaħdu)* Dan chif?

LA VALETTE—Mill ħacma tal għàdu int ħlist b'għajnuniet is-Sèma, eŭ kgħadt għalli minnec riedu ?

BERTU—(*mistagħgeb*) Jien... Monsinjur ? jien ruħi tabbajt biex mill meŭt neħles ?... Fra Giacbu, iddeŭ, idħol int għalija !...

LA VALETTE—Għâdec il-bieraħ bid-dmugħ f'għainejc titlobni ħîltec tmur iġġarrab, u issa ŭaħdec int ħlist mill killa tal egħdeŭŭa ?... Ŭaħdec, haŭn issa tigini, ŭakt li sħabec....

FRA GIACBU—Minsinjur, talankas isimgħu...

BERTU—M'hux minni nakas, jecc kuddiemec rġajt rajtni...· Aħjar ħajjti neħħejtli bis-sejf milli bħal ħâti lkajtni !.... Għaliex mellejtu id-demm tan-nisel tiegħec ? Fejn huma daŭc li jistgħu jixhduli li mattagħlim tiegħec jien żammejt ?... Intcom li minn Santjermu fi ħdân Alla mortu, ejjeŭ, akbżu intcom għalija.... għidulu l'is-sultan jecc iva jeŭ le magħcom lkajtilhom lil Misilmin? jecc minni nàkas li haŭn f'riġlejc tarani... (*jinżel kuddiemu fuk rcobbtu il ŭaħda*)

FRA GIACBU—Monsinjur, atih ŭiden....

MONTI—Chelmtu ma chisirhiex Bertu !

LA VALETTE—Kûm, mela, ħal miegħi nħaddnec, ibni; u talli cont aħrax miegħec dal ħin, aħfirli, Bert ! Egħnelli illi il biżà għamel bic jeŭ l'int kgħadt għattmellis ta mîn bìc ried jinkèda għal ħsebijiet ta moħħu.

FRA GIACBU—Is-Sèma raddulec, Monsinjur.... ħallih issa igħidlec x'għadda minn għalih....

MONTI—...u igħarrafna fuk il ġrajja ta Santjermu, la darba hu biss jista jixhed għar-rgulja ta sħâbu....

FRA GIACBU—Imm'hu ucoll midrub !

BERTU—X'rajt, ankas nista bħal issa nfissirulec, Monsinjur !... Nfetaħ in-nâr bla xejn ma jeħda, tracu l'egħdeŭŭa nxehtu għal fuk l'insara imŭettkin bit-

tkarbîn mkaddes; ħrûk u kirda, u ghajjât u żarżir ta trombi, u lħek u dmija u il Cavalieri u il Maltin ibiegħu ħajjithom bil għâli, b'lehġa u telfa li ma bħalha jilkgħu lil egħdeüüa b'ħilithom collha u iħarbtuhom, u il meŭt imakdru... f'dakka ŭaħda sabbtuni mal art, għoxejt... Mbagħd stembaħt bħal minn ħolma kalila u nilmaħ kuddiemi l'Ibrahim...

La Valette—Ibrahim, għidtli?

Bertu—u nibka nafulu jecc għâd mal egħdeüüa tas-Salib għâd il kuddiem nissara....

Monti—Dac il chiefer li għâdu il bieraħ....

Bertu—Iva, Ibrahim ħelisni mill meŭt....

La Valette—X'ked nisma?

Bertu—Ħassejtni nistejker, u ftaħt għainejja, u lilu nara ŭiekaf kuddiemi... Ser niftaħ ħalki, Ibrahim għainejh jibbru lejja bla ma jittiesef, b'sebgħu fuk xoftejh ŭissieni niscot.... miel lejja sefsifli f'ŭidinti: "Ħabib!" Ma ftaħtx fommi, u f'kalbi tlabt l'Alla iħares lejh bil ħniena.

La Valette—Jabbni, tasseŭ mîn iħenn għalih dac il chiefer!

Bertu—Chien daħal il-lejl, ħemda tad-dlâm.... ħassejtni nieħu ir-ruħ, Ibrahim ŭieżinni, kabbadni triek, telakni ŭaħdi u ma ltkajt ma ħadd... u issa għal magħcom rġajt.... il bkija....

Fra Giacbu—Issa ħallih fi ħsiebi, Monsinjur; il bkija igħidulna il kuddiem. (*joħorġu flimchien*).

## IV

### La Valette u Monti

La Valette—Chif bkajna, mela, Armirall; u nħalli f'idejc; f'Alla u f'ħiltec nittama; agħmel li ftehimna,

MONTI—Mas-sebħ ncunu 'mdaŭŭrin bl'egħdeŭŭa, Monsinjur; għâda il Misilmin haŭn jaħbtu għalina. Fil ħemda tal lejl, iġ-ġfien u ix-xŭjeni tagħhom, jidħlulna taħt is-sŭar tal beld....

LA VALETTE—Xahar sħih ŭakfilhom Santjermu; bosta actar jaħtieġlu il Birgu iħabbathom.

MONTI—Ebda aħbâr mill Vicirè ta Skallija?

LA VALETTE—Cliem biss, u xejn iżjed! X'irriduh li ŭegħidna, la darba katt ma iŭassal? Naħbtu aħjar jecc iħabrec jasal b'ŭiċc il gîd Bajada...

MONTI—Ma haŭnx għalih Bajada għal kadjiet tiegħu! Mħarreġ għall aħħar, għaxar darbiet ferak il baħar biex giebilna aħbarijiet tan-nies tagħna u jitchixxef fuk l'egħdeŭŭa, u issa ankas sûra ta bniedem ma baka' fih, daks chemm hu micdud!

LA VALETTE—U tiegħu tgħaddi, chif ngħidlec jien, Armirall... *(jidħol Rodrigu nifsu maktuh, bi vleġġa f'îdu u ittra mdendla magħha.)*

## V

Ta kàbel, u RODRIGU

LA VALETTE—Rodrigu, x'inkala'?

RODRIGU—B'rogħda cbira fuki nersak lejc, Monsinjur; nħossni bħal ħâti riesak kuddiemec... *(ineŭŭillu il vleġġa u l'ittra mdendla magħha)*

LA VALETTE—*(iŭarrbu f'genb)* Xi trid tgħid b'dan, ibni?... Haŭn x'gibtli?

RODRIGU--Dil vleġġa, Monsinjur, ŭaddbuli f'riġlejja...

LA VALETTE—Din ittra għalija?... *(jakraha)*. Alla tiegħi!... iva dejjem La Cerda!

RODRIGU—Fuku isemmu, Monsinjur?

LA VALETTE—Fejn hu kiegħed?... fejn mâr?... tâf xiħaġa fuku?

Rodrigu—Xejn ma nâf!... Hbatt nitŭarrab minnu! U billi dal-lejl tbegħidt minn Santjermu, għâd l'int ŭissejtni ma nitilkux minn taħt għajnejja, nħossni ħâti... Chelmti ma ridx nicser, u jidhirli nkast minn dmîri. La tbarrinix minnec, Monsinjur!

La Valette—Imm'int kgħadt għalli tlabt minnec. Għaddejt ta ħâti ma sħabec biex ma tonkôs minn dmîrec... Jaħtieġli, bħalissa, naħbilec x'fiha din l'ittra. (*lil Monti li chien imŭarrab minnhom*) Armirall, ersak lejja; u int, Rodrigu, int ibka sejjer (*joħroġ*).

## VI

### La Valette u Monti

La Valette—Aħfirli, Monti, għaliex donni ridt naħbilec xiħaġa. Ara ftit fiex nsîb ruħi! (*jatih l'ittra*)

Monti—(*hŭa u jakra*) Żomm għainejc fuku... titlaklux!... La Cerda ċaħadna!... Lascri...

La Valette—Int chif tifhimha?... Tfixchila jeŭ tŭissija?...

Monti—Monsinjur, ħallini ngħidhielec chif nħossha: int tibża l'icolloc tagħmel il ħakk minnu dac La Cerda!

La Valette—Armirall...

Monti—Għaliex tmur b'moħħoc l'iridu ifixcluna? Ma nafuhx eŭŭilla x'isarraf dan il bniedem? Tilef gieħu, u mniex bakagħlu x'jistħi?... Minn għalija, dac li chitiblec, iridilna il gîd.

La Valette—Imm'int sa dakshecc taħsbu jilħak?

Monti—Għajb għalih! Daks chemm hu cburi, l'għejra għalbitu, għandu għalic... ħarab minn Santjermu, x'riddtu jagħmel actar?... Monsinjur, għidli tifhimhiex bħali... la taħbilix, ta ħbieb li aħna!

La Valette—Nistgħu, iżda, nokogħdu għalli chiteb ùieħed li ma nafuh b'xejn?... Mîn hu dan Lascri biex fuku nokogħdu?...

Monti—Nafuhx, imma, dac il ħâli ta LaCerda? Ħakkux, tgħid, mîn iħenn għalih la darba ħàrab minn Santjermu?

La Valette—Cont nagħmlec tagħdirni u nsibec actar bi cliemec ked tchiddni!

Monti—Ta ħabib tal kalb, kiegħed miegħec nimxi, Monsinjur! La Cerda ntebaħ li kalbec ma'tticx tagħmel dmirec miegħu... ùisk nibża li hu actar tcabbar u iridha tgħaddi tiegħu! Nistkarlec illi l'Ordni bèda ighemghem mit-tcheùtil tiegħec... Ùakt illi aħna ilcoll mħejjin għal meùt għar-rebħa tas-Salib fuk in-Nofs-Kàmar u ilcol! marbutin bit-tliet ùegħdiet tagħna l'Alla, jista ùieħed fostna jicser dmîru, ma jokgħodx għalic, jaħrab mnejn bgħattu, u chiecu int biss tlumu?

La Valette—Ħallini nistkarlec is-sobgħa ta kalbi...

Monti—Monsinjur!

La Valette—L'Ordni ma għandux għaliex jiddejjak. Jaħtieġli dmîri jien nagħmlu, għâd li ankas nista nfissirlec chemm sejjer ikûmli. La Cerda f'idejc nerħih, Ammirall; għassislu sa tasal dic is-siegħa tal ħakk tiegħu.

Monti—Sejjer, Monsinjur! (*joħroġ*)

La Valette—(*ùaħdu*) Alla tiegħi, chemm tigini tkila l'irrid nagħmel il ħakk minnu! Iddeù, eħles għinu u mexxih int fit-triek tas-seùùa.

# IT-TIELET TAKSIMA

---

## I

RODRIGU, BERTU u FREDU *fil mejda jicleb*

RODRIGU—(*dieħel*) Is-Sultan m'hux haŭn?

BERTU—Tbiegħed daks siegħa ìlu.

RODRIGU—Mela sejjer; saħħa!

BERTU—Ibka magħna, chemm jista jiddaŭŭar?

FREDU—Mâr lejn li Sptâr il Cbir.

RODRIGU—B'xortiehom il midrubin x'ħin lejhom jiersak is-Sultan...

FREDU—Bil ħeġġa tiegħu iħeġġigħom; ħnientu tfarrgilhom kalbhom.

BERTU—Meta nsertajt ŭassaltu għandhom, ŭieħed ŭieħed idurhom; chif leħnu jisimgħu, donnhom jistejkru.

FREDU—Miegħu il ħakk, ħanin bħala omm is-Sultan tagħna.

RODRIGU—Bil ħleŭŭa collha tiegħu, kalbi dejjem magħdura; ankas cliemu ma jisŭeuli!

FREDU—Imm'int dejjem kalbec seŭda?

BERTU—Mkâr meta tcun magħna?

RODRIGU—Naħseb biss f'daŭc ħutna taħt il ħàcma tal jasar, mixħut fuk kabda tiben, maghhom nixtiek naksam xortiehom l'imutu għal Cristu. Naruni haŭn...

FREDU—U jien, jabbni, xortija akŭa minn tiegħec!

BERTU—(*jitbissem jidħac*) Bin Vicirè, m'hux lachemm jixħtuh għal għonk it-triek; iridu jibżgħu għalih!

FREDU—Dan hu li jifnini! Imm'int, Bert, ma jidhirlicx li ta mîn jagħdirni?

BERTU—Mîn?... jien?...

FREDU—Lilec collox imurlec ħarir! Chelma ŭaħda, għidt, u bilġri bagħtuc Santjermu! Għalxejn jien tlabthom; ankas ŭiden ma taŭni!

BERTU—U billi bagħtuni, la darba ħajjti ma ħallejtx Santjermu?

RODRIGU—(*b'dieka*) Ta mîn igħejr għalic, Bert, għax m'hux minnec nakas... u mbagħd rġajt il beld, u colħadd ħabbec, u ilcoll faħħruc għar-rġulitec... Ŭakt li jien?

BERTU—(*bil ħniena*) Rodrigu!

RODRIGU—(*jisħon*) Imma, jien x'għamilt lejliet dac il jum, biex lili kaluli li *ħrabt*? Hakknix nismagħha din il chelma?

BERTU—Aħna ilcoll nafu l'int kagħdt għar-rieda tas-Sultan, għax hu kalûlna.

FREDU—Giè kalûlna biex actar ticber ir-rabta ta bejnietna.

BERTU—U int għâd titħallas talli kgħadt għal cliemu; tŭettak fit-tâma...

FREDU—Meta il cburi La Cerda jisogħbih talli għamel, u jarġa jilħak ma dmîru...

RODRIGU—Jalla ma idumx!... iżda, mîn jâf!...

BERTU—Ankas il ħabs ma seŭa biex rattablu kalbu?

RODRIGU—X'ħin magenbu idaħħluni il ħabs, donnu ta coll darba actar jagħdab.

FREDU—Jecc il ziŭc ma iżommuhx b'ragel, x'tgħidli għal missieri li jidhrilhom kiegħed ikarrak bihom? Cont seŭseŭŭ nictiblu illi jecc ma iħabrec igħin'na, nisthi ngîb iżjed dan ismi ta Toledu.

BERTU—Ninseŭ għalissa l'għali, ħbieb tiegħi, u nifirħu b'daŭc il bnadar li jixxejjru mar-riħ. Tarahom, Rodrigu? Irbaħniehom il-bieraħ.

FREDU—Rebħa fuk oħra! Icûn mbierec Alla!

RODRIGU—Liema rebħa?

BERTU—Mel'int xejn ma smajt?...

RODRIGU—Għiduli! għiduli!...

FREDU—Ma smajtx bit-tħarbita tax-xüieni tal Misilmin, u il meüt tal aħrax Dirgħut? Minn tlieta üieħed iġġfien tagħhom midfunin il baħar!

BERTU—U ankas ħabat aħjar Hussejn mal forti tal Castilja, u ħtieġlu jaħrab fil ħemda tal-lejl.

FREDU—U int minn dan collu xejn ma smajt?

RODRIGU—Mîn ridtuh jiġi igħiduli? Mîn, ħliefcom, jiersak jitchellem ma mîn għaliehom ħàrab minn Santjermu?... Hadd ma jaħmilni, u jien ma nistabarx għajr fil cnisja, niftaħ kalbi m'Alla.

## II

It-tlieta u FRA GIACBU.

FRA GIACBU—(*hu u dieħel, lil Rodrigu:*) Mel'int haün, jaħasra?

RODRIGU—Cont nittenna is-Sultan.

FRA GIACBU—Iħossha bi cbira li jiltaka' mal cbarât tiegħu! Dalüakt jinġabru għal Cunsill... Rodrigu... aħjar tmur f'is-schiet titlob l'Alla għal La Cerda...

RODRIGU—Nisma minnec!... iżda, dic il ħârsa tiegħec chif semmejt il La Cerda, tħassibni... Jakaü, smajt xiħaġ'oħra fuku?.. għidli, trid, Fra?

FRA GIACBU—Ma nistax naħbihulec... Iridu...

RODRIGU—Iridu...?

FRA GIACBU—...jagħmlu il ħakk minnu!

RODRIGU—X'üaħda din!... u ħadd ma jakbeż għalih?... Jien... x'nista nagħmel jien għâdni tifel?... ankas biss ma icunu iridu jisimgħu bija...

FRA GIACBU—(*b'îdu fuk sìdru*) Haŭn jien għalih ! Int itlob l'Alla, u ittama fis-Sultan.

RODRIGU—(*bil ħniena*) U il chelma tiegħec ta missier !

FRA GIACBU—Iva, ibni, b'kalbi collha !

(*jidħlu Coppier u Castrioto*)

### III

RODRIGU, BERTU, FREDU, COPPIER, CASTRIOTO, FRA GIACBU

COPPIER—(*x'ħin jilmaħ lil Rodrigu*) Ah, haŭn hu, offi għalih ! ragel daks ziŭh !... jista jiżżàttat !

RODRIGU—(*jaħbat jisħon*) Kabel xejn ma tagħmlu il ħakk minnu, talankas isimgħuh, marixxall !... M'hux talli klajtuha li hu mèxa magħcom bil għalt, imma lili ucoll iżżommuni b'ħâti, u mogħdrija ta xejn !

COPPIER—(*bis-saħna*) Rodrigu !...

FRA GIACBU—Tieħux għalih,marixxall... U int, Rodrig, (*jakbdu minn driegħu*) itlob u ittama f'Alla ! (*joħroġ ma Rodrigu u iż-żeŭġ paggi*)

### IV

LA VALETTE, MONTI, COPPIER, CASTRIOTO mbagħd FRA GIACBU

LA VALETTE—Hecc ridtu !... u haŭn issa ninsabu miġburin biex il ħakk nagħmlu minn ŭieħed fostna..... ŭakt l'imissna naħsbu nrażżnu l'egħdeŭŭa ?

CASTRIOTO—B'għàdu fostna, chif nimxu il kuddiem ?

MONTI—Jaħtigilna neħilsuha, la Alla silifna iż-żmien !

COPPIER—Żmien il kaŭŭa tar-rebħa !

LA VALETTE—Issemmu ir-rebħa!.. ħalluni nfaccarcom f'in-nichet ! Fejn huma daŭc ir-rgiel li tlifna... Mello, Savoghêr, Simiêm, Chinsì ?... B'demmhom rbaħna !

COPPIER—U jistħokkilhom coll tifħir!

LA VALETTE—U tridu issa fuk kabarhom nagħmlu il ħakk ta ŭieħed minn ħutna... u jecc tinkatagħlu għal meŭt, sal forca ntellgħu?

MONTI—Li għâdhom ħajjin, chienu iseŭŭlna!...

CASTRIOTO—U nistħajjilhom igħidulna: «Hecc jinħtieġ, għax ħakku!»

COPPIER—Jecc chemm il darba din it-tbajja mill Ordni tagħna irridu inneħħu!...

LA VALETTE—Xi ħsara La Cerda jista bħalissa jagħmlilna minn kiegħ il ħabs?... Żommuh hemm magħluk; xi tridu actar?... Għal żmien aħjar nħallu...

MONTI—Imm'int ŭegħidtna li nimxu il kuddiem.

LA VALETTE—Tajtcom chelmti!... La din fehemtcom, jaħtieġli nokgħod għalieha.

COPPIER—Monsinjur, imm'int chemm kiegħed tinchedd?

CASTRIOTO—Għaliex dan it-temtim collu tiegħec?

LA VALETTE—Għax jien missier...

CASTRIOTO—Tagħna ilcoll il missier; iva, iżda, għal x'uħud fostna xejn ma ħaddtha bi cbira, meta il ħakk ħtieġlec tagħmel!

LA VALETTE—Kuddiemcom nistkarr x'iġagħalni nonkos minn dmîri. La Cerda ma jaħmilnix.... Għal din il mibegħda tiegħu, biex minni jitħallas talli jien ħabbejtu, minn ħtija għal ħtija, ŭasal fejn ŭasal... U mkâr issa, kalbi ma 'ttinix nagħmilha ta mħallef tiegħu.

MONTI—Rkakât, Monsinjur!

COPPIER—La Cerda ma għandux għalfejn iŭaħħal ħlief fih in-nifsu.

CASTRIOTO—U bħala ħâti isir il ħakk minnu!

MONTI—Għax jecc jobgħod lis-Sultan, jidhirlec int li għandu ankas ħtija?

LA VALETTE. — Ma nixtiekux fil għâma tiegħu katt jaħseb l'irrid nitħallas minn għàdu tiegħi.

CASTRIOTO—La darba ma iridx jara, ħsiebu!

LA VALETTE—Seba' snîn îli nittama li ngibu għal idejja.... Bl'imħabba ridt nirbħu, u miegħi narġa nħaddnu.... Għamlu li għandcom tagħmlu, imma ħaddieħor inżżel ismu fil amâr tagħcom.

MONTI—X'kiegħed nisma?

COPPIER—X'fehma hi din tiegħec?

CASTRIOTO—Mîn katt chien jobsor?

FRA GIACBU—(*jidħol bla ma jarah il Grammastru*) Le, Monsinjur, int tibka is-Sultan tagħna.

LA VALETTE—Mel'int cont haŭn, Fra Giacbu?

FRA GIACBU—Le, fuk hecc ma titlakniex, għax ebda Cavalier ma icun irid jâf b'dan!

ILCOLL—Le, Monsinjur, lilec sal meŭt irridu, biex bil għajnuna t'Alla u l'għakal tiegħec, ir-rebħa fuk l'egħdeŭŭa aħna icollna.

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY

## V

Ta kàbel, ROBLES (*u mbagħd La Cerda*)

ROBLES—Haŭn hu il ħâti, Cavalieri!

LA VALETTE—(*mbicchem*) Daħħluh!... Alla tiegħi, int jiekaf miegħi!

(*Coppier, Castrioto u mbagħd Roblès jokogħdu flimchien bħala mħallfin, Monti kuddiemhom, Roblès idaħħal il La Cerda*)

FRA GIACBU—(*jiersak lejn La Cerda*) Ħija...

LA CERDA—(*b'îdu ibegħdu minnu*) Ktajtux xeŭkitcom issa, Cavalieri?... Haŭn jien biex minni titħallsu!

MONTI—Cmandant, aħjar teħles tfehemna chif m'intix ħâti!

LA CERDA—Bejn daũn l'erba' ħitan triduni nitchellem biex ħadd ma jixhdilcom għal ħakk li sejjrin tagħmlu minni?... Tliet mħallfin, biex Cavalier bħalcom tmorru taktgħuhieli għal meũt? Kuddiem l'Ordni collu irrid jien nitchellem, ħalli nuricom bix-xiehda li ebda ħtija ma għandi!

LA VALETTE—Għandec x'tgħid fihom daũn it-tlet Cavalieri li b'mħallfin tiegħec għażilt biex safejn nistgħu gieħec nistrulec? *(La Cerda iħarrec rasu).*

MONTI—Ma tridx tâf bihom?... B'rasec idûr, La Cerda!

LA CERDA—Għâmlu li tridu!... minn għalija, ma nitchellimx, għaliex il fehma li għandcom, m'intomx ser tibdluha...

FRA GIACBU—Isma minni, La Cerda... Ma jixraklecx...

COPPIER—Ma għandux għax jitcabbar żejjed!

MONTI—Ftacar l'int issa kuddiem l'mħallfin...

LA VALETTE—...u minn għalija, ħniena nixtieklec...

LA CERDA—*(jisħon)* X'ked nisma, La Valette? B'mîn ħaddtni?... Ħniena int tridli?... Ixħetni taħt riġlejc, jecc trid, issa li ninsâb taħt il ħacma tal killa tiegħec.. la issemmilix bi ħniena; il maħfra tiegħec, l'akũa tmakdira għalija, daks chemm int ma taħmilnix... il ħakk biss irrid minncom.

FRA GIACBU—Jaħasra għalih!

LA VALETTE—Armirall, nimxu il kuddiem.

MONTI—Imħallfin, il Cavalier Giũanni La Cerda chien kiegħed jiftiehem mal egħdeũũa biex iħalliehom jinżlu l'art Santjermu; u mbagħd ħârab u telak innies tiegħu fl'akũa tiġrib.

LA CERDA—Għandec ħîla taħlef, Monti, li dan minnu?

MONTI—Tista int tiċħdu? Tridni nfaccrec illi... Imma, din l'ittra ser tiftaħlec għainejc, La Cerda. *(jakralu l'ittra ta Lascri).* Meta daũn il chelmiet nchitbu,

ċont għâdec Santjermu, jeŭ ħrabt ma nafx, u haŭn ġejt tinġàbar?... Din l'ittra haŭn xeħtulna marbuta ma vleġġa?... U tâf xejn mîn ġabarha mill art?....

La Cerda—Tabilħakk l'intcom ftehemtu il ħabel id-daŭŭrul: ma għonki!... Mîn hu dan Lascri?... Jidhrilcomx li għandcom temmnuh, bla ma tafu x'isarraf? Għalicom biżżejjed ix-xeŭka tas-sultan biex għal meŭt taktgħuhieli!... Ħakkni, iva, għad-demm li xerridt f'daŭn it-tletin sèna! Għax mkâr issa li f'Santjermu.... (*fil ħin jidħol Bertu, jiersak fejn il Grammastru ichellmu.*)

## VI

Jidħol Ibrahim (*Lascri*)

Coppier—Mîn ked nara?

Bertu—Dac li mill jasar tal egħdeŭŭa ħelisni!

Castrioto—Ibrahim!

Robles—Ibrahim!

Ibrahim—Cavalieri, mn'issa il kuddiem, jien Lascri għalicom.

La Cerda—(*lilu in-nifsu*) Hu!... il ġannizzru!

Lascri—Jien nisrani!.. Għoxrin sèna îlu, klibt mislem... F'riġlejc, Monsinjur, ġejt nistkarr ħtijieti!...

La Cerda—(*ŭaħdu*) Lascri!

Lascri—u b'demmi nixtiek issa nħallas għall għoxrin sèna li żammejt mal egħdeŭŭa tal Ordni tagħcom (*jinżel fuk rcobtu ŭaħda kuddiemu*).

La Valette—Kûm, Lascri; Bertu jixhed għal cliemec... Imm'issa f'gieħ Alla għidilna x'ġagħlec tbiddel fehemtec.

Lascri—Niesi saltnu fuk Nicija; missieri miet Adrianopli; ommi.... ankas biss jixrakli nistkarr li jien binha !... ommi rajtha tmut mn'idejn l'egħdeūūa tal nsara, għaliex tiċħad ma rieditx it-tūemmin tagħha... Is-Sultan ħarisni mill meut u giebni il kuddiem u sirt mislem u actar is-sultan għollieni fuk l'oħrajn; u għal dakshecc tcabbart chemm flaħt.... Haūn għal ħniena tiegħu Alla riedni, biex lilcom ngħarraf li ūieħed fostcom irid ibiegħcom lil egħdeūūa tal Ordni....

Monti— Biex issa mħallfin jixhdilna li La Cerda....

La Valette—F'jum tal ferħ bħal dan... jaħtigilna niekfu; nafu issa mîn hu il ħâti.... isir il ħakk minnu il kuddiem.

# IR-RABA' TAKSIMA

## I

LASCRI u BERTU (id-dlâm)

LASCRI—Għâda nitilfu jeŭ nirbħu.... usalna! Hussejn u in-nies tiegħu, ma jifilhux actar: nifhem li ŭaslu biex jitilku minn Malta.

BERTU—Il-lum lejliet it-Tŭielid ta Ommna Maria; nitolbuha tiekaf magħna, u aħna noħorġu rebbeħin!

LASCRI—It-tâma tiegħec tkaŭŭini.... Iżda, jecc katt Malta taka' taħt il ħacma tal Misilmin, l'Eŭropa collha tkûm għan-Nofs-Kamar u tagħleb fl'aħħar il Sulejman.

## II

jidħol FREDU

FREDU—Lejl mkaddes... colħadd ked jitlob fil ġàbra... tal cnisja.... (*jiersak f'ħoġor it-tieka*) Keġħdin fil bgħid tisimgħu bħal għajjât ŭaħxi?.... Immorru il cnisja ma sħâbna...

BERTU—Kiegħed nittenna il Grammastru....

FREDU—Rajtu iss'issa fil forti ta Castilja igħarrex jitchixxef x'kiegħed il bâxa iħejji ghalina.... Donnu għajnu għas-sŭar tal Birgu, għax l'haŭn riesak bixxŭieni mgħammrin bl'irsiera u x'jakdfu sicsnijiet il baħrin għal geŭŭa il marsa....

BERTU—Mîn jista għaliehom?... Jaħtigilna nirbħu!

LASCRI—Ir-rebħa, eŭ il meŭt!

FREDU—Ilcoll chemm aħna fehma ŭaħda!

BERTU—Nidħol għaliehom jien, Fred, daŭc li sŭar tal għuda li kegħdin itellgħu l'egħdeŭŭa biex minn fukhom jaħbtu għal Birgu.

LASCRI—Int?... Jecc ankas l'actar kalbenin fostna ma għandhom ħîla jiersku il dic in-naħa?

BERTU—L'akŭa 'l meŭt, Lascri! Għâd li tifel... ma jagħmilx bija il biża, int tâf!

LASCRI—Jaħtigilna nokogħdu għalli irid minn'na il Grammastru; isimgħu minni!

FREDU—Jien għal miegħec, Bert....

BERTU—Int ibka, Fred!

FREDU—Għaliex ma tridnix miegħec, Bert? Jien ucoll irrid...

LASCRI—Fejn sejjrin b'râscom, uliedi?... Araŭh gejj is-Sultan.

III

Ta kàbel, LA VALETTE, ROBLES u MONTI miegħu.

LA VALETTE—(*lil Roblès hŭa u dieħel*) Hadd lè ma għandu jidbiegħed mil Birgu...għajb għalina nchella!

ROBLES—Imma, Monsinjur, b'dac is-sûr li għoddhom tellgħulna il Misilmin, mogħla is-sŭar tal Birgu, aħna mitlufin jecc ma ninxeħtux fuk l'isŭar tagħhom!

LA VALETTE—U daŭn il Maltin collha kalbenin bina u f'ħilîtna jittamaŭ,xi tridu tagħmlu bihom?... Tridu tidbiegħdu mill beld, u titilkuhom għal rajhom?...

MONTI—Is-sŭar ta Sant'Anġlu jifilħu għal egħdeŭŭa; ħalliehom jaħbtu għalina u nuruhom mîn aħna!

LA VALETTE—Minn haŭn ma nitħarrcux; bejn li sŭar ma għandniex ŭisa għal colħadd.

BERTU—Monsinjur, chelma ŭaħda....

LA VALETTE—Tchellem, ibni!

BERTU—Fredu u jien għamilna ŭegħda....

LA VALETTE—Jakaŭ?...

BERTU—Bit-tâma tagħna f'Alla u f'gieħ l'Ordni, ħallina Monsinjur, ninżlu għall egħdeŭŭa...

LA VALETTE—Intcom ?

MONTI—Ibgħat talankas nies mchissrin għax-xogħol...

ROBLES—Għid chelma, Monsinjur, u aħna minnufih nitilku.

FREDU—Għâda tcunu intcom ŭisk actar tinħtieġu... jecc aħna immutu, għâda titħallsu mill għàdu.

LA VALETTE—(*ŭara ħin ŭieħed*) Morru, iva, uliedi... il-lum jidħlu iż-żagħżagħ għat-tiġrib... għâda l'rgiel.. Għidu lil Castrioto jierħilcom mitt ruħ minn tagħna u Alla iŭassalcom bis-sliema (*Bertu u Fredu jitilku*; *mbagħd jiekfu ħin ŭieħed jitħaddtu bejniethom*, *fil ŭakt li Lascri jiersak lejn La Valette*)

LASCRI—U lili ma tħallinix nitlak magħhom ?

LA VALETTE—Int bilġri mûr għal Rodrigu. Nittenniecom ħaŭn (*Lascri jidbiegħed)* U intcom, uliedi, x'intcom tiddaŭŭru ?

BERTU— (*ilemtem*) Nixtieku, kabel xejn, îdec mbusulec....

FREDU—L'actar, għax għâda ma ncunux nistgħu......

LA VALETTE—(*igħannakhom*) Nirbħu, jeŭ jinfetħulna bŭieb is-Sèma... It-tâma tagħna f'Sidtna Omm Alla ! Itilku ! ( *it-tfâl jitilku* ; *u il Cavalieri jagħfsulhom îdhom*): Alla tiegħi, int idħol għaliehom!... m'hux li magħhom cont nista jien naksam ix-xorti !

## IV

LA VALETTE, MONTI, COPPIER, ROBLES.

COPPIER—Akŭa m'rgiel daŭn it-tfâl ser joħorġu !

LA VALETTE—U hemm tifel ieħor bosta akŭa minnhom għal ħiltu.

ROBLES—Mîn hu, Monsinjur?

LA VALETTE—Dalŭakt taraŭħ kuddiemcom.

MONTI—Colhadd msaħħar urajc, Monsinjur; bil ħeġġa tiegħec, ilcoll mħejjijin għat-taktiegħa u il meŭt.

COPPIER—Collħadd, mkâr il miflugin u il morda, colħadd fuk is-sŭar irid ħajjtu itemm eŭ nirbħu.

ROBLES—U jecc l'Ordni jintemm, ħalli jintemm fuk li sŭar tal Birgu!

LA VALETTE—Nibchih lil dac li fostna minn barra ser jibka!

ROBLES—La Cerda, trid tgħid?

COPPIER—Ma jistħokklux ħniena!

LA VALETTE—Ŭaħdi, mela, bkajt nagħdru? Jaħasra għalih. (*jidħol Fra Giacbu*)

V

FRA GIACBU u mbagħd LASCRI u RODRIGU

LA VALETTE—X'tgħidli għalih, Fra Giacbu? X'inhù jagħmel La Cerda? Xejn għâdu ma....

FRA GIACBU—Ittama f'Alla, Monsinjur. La Cerda b'xejn ma irid jisma.... jisħet l'Ordni u il Maltin; bit-tiġrib tagħna jifraħ u jiddieħec....

MONTI—Jaħseb li bit-telf tagħna, minn'na ilcoll jitħallas.. (*jidħol Lascri ma Rodrigu*).

LASCRI—Monsinjur, haŭn hu Rodrigu!

RODRIGU—Monsinjur!

LA VALETTE—Dac in-nhar li minn Santjermu tŭarrab, maħrub ħsibtuh ŭakt li chien jilħak dmîru, għax ŭara La Cerda jien bgħattu. Tliet xhur hîlcom maħrub taħsbuh, u lili miegħu b'ħâti intcom żammejtuni... għal tliet xhur sħaħ ma ftaħtx fommi, u ankas hu ma tniffes: f'jum bħal dan, jaħtieġli b'collox ngħarrafcom. Rodrigu bla tebgħa!... lil zijuh ridtu jien lejja jiġbed.

ROBLES—Mgieba ta ragel!

COPPIER—Nkastec, dun Rodrig, meta lilec b'maħrub ħaddtec. Hallini ma kalbi dic îdec jien nagħfas, għax coll gieħ u foħħrija lilec jistħokkloc. Aħfirli, Rodrigu, talli leŭŭimtec!

RODRIGU—Naħfirlec, armirall?... Kalbi tixħidli li xejn m'għandi x'naħfirlec.

LA VALETTE—Dal ħin b'idejja nlaħħkec Cavalier.

FRA GIACBU—Kuddiem das-salib (*Rodrigu jinżel fuk rcobbtu ŭaħda)* aħlef, don Rodrigu. l'int tibka għal ħajja u îl meŭt marbut mal Ordni, u taħdem f'gieħ il Cnisja u għal mħabba t'Alla.

RODRIGU—Naħlifulec! (*Coppier jaħmiżlu l'għant.*)

LA VALETTE—(*bis-sejf fuk râs Rodrigu*) Tħejja issa għat-takbida mal egħdeŭŭa. Fl'isem tas-Sultan il Feddejj tagħna u Ommu Maria, u ta San Giŭann, Rodrigu La Cerda int issa Cavalier (*jierħilu f'îdu is-sejf*).... Ibda, kabel xejn, issocta dmîrec agħmel sa kalb Giŭanni La Cerda int tràttab.

## VI

### MANFREDI u CASTRIOTO

MANFREDI—Ŭaslet dalħin aħbâr li is-sŭar tal għàdu ŭakgħu f'idejna.

COPPIER—Irbaħna, trid tgħid?

CASTRIOTO—(*jidħol bla nifs*) In-nies tagħna ŭakkgħu isŭar l'egħdeŭŭa.

LASCRI—Żeŭġt itfâl, chellhom mela jifdu Malta?

LA VALETTE—Mbiercu l'Alla li tagħna ir-rebħa, u lil ħanina Ommu Sidtna Maria!

CASTRIOTO—Fil ħemda tal-lejl, staħbeŭ in-nies tagħna taħt is-sŭar tal egħdeŭŭa.... jiġbdu fukhom.... u l'oħrajn jaħbtu għaliehom.... nfirdu ħin ŭieħed,

jierġgħu flimchien jingħakdu... Taktiegħa mill eħrex, fl'art mejjtin jistàbtu Bertu u Fredu.... u actar in-nies tagħna fuk hecc tisħon għall egħdeŭŭa... daŭn fit-takbida jitkagħtlu bejniethom, mîn jaka', mîn ikum, mîn rasu ifarrac, tleŭŭim, għajjât u ħalf flimchien jinstemgħu, żarżir, taħbît ta ʻtnabar, tnehid u lfiek, tisbît ta xŭabel, bŭieb ix-xitan nfetħu...... ħarbu l'egħdeŭŭa għal fuk ix-xŭieni imŭerurä, bosta fosthom f'kiegħ il baħar meŭthom sabu, u in-nies tagħna ferħanin telgħin il beld rebbieħä.

Robles—Gieħ għal mejjtin fostna, u għal mîn bis-sejf ŭera rġulitu.

Fra Giacbu—(*lil La Valette*) ¡U int, Monsinjur, itla bi ħsieb il fuk, il fuk mid-dinja; it-taħbit insa u bierec dejjem l'Alla li f'dan il jum ir-rebħa tana... fost id-dmugħ u il hemm daŭc illi il-lum ħadilna, bil hena ta dejjem lilhom mn'issa.... u il kuddiem, lilna irodd.

La Valette—F'Alla ittamajt, u ir-rebħa Hu tana f'dan il jum għażiż lil Sidtna Ommu. Nitolbu, issa, u nerġgħu l'Alla inŭegħdu li ħadd minn dmîru jonkos... Għâda il Misilmin jierġgħu għalina jaħbtu, araŭ ilcoll ta rgiel toħorġu. Nerġgħu dal ħin il ŭegħdiet tagħna ngeddu ilcoll miġburin fil cnisja ta ta San Giŭann, nibda minni jien Fra Giŭanni Parisot de la Valette, Grammastru tal Isptar tal Ordni u intcom il Cavalieri (*jislet is-sejf*) u ilcoll flimchien ngħajjtu «Alla iridu minn'na !» (*jisiltu is-sejf ilcoll igħajjtu:*) «Alla iridu minn'na !»

# IL ĦAMES TAKSIMA

## I

*Ta kàbel ilcoll, barra minn Roblès u Lascri, l'icunu nofs moħbijä in-naħa tax-xellug. La Valette minn kuddiem. Jiersku kuddiemu Roblès u La Cerda miegħu.*)

La Valette—Alla magħna, u b'għajnuntu aħna nirbħu! B'tâma kaŭŭija din kalbi nħoss mixgħulha.

La Cerda—(*jiersak ma Roblès*) X'sejjer jarġa jaklagħli; ma żeblaħnix chemm felaħ !... Robles, lejn il ħabs arġa ŭassalni !

La Valette—(*fuk liegħu*) F'idejn Alla il ħakk; La Cerda, ismagħni !.... Seba' snîn îlec tħabbatni u Alla biss jâf x'ħassejt jien f'kalbi ŭakt l'int b'għàdu tiegħec żammejtni, meta lili b'sultan l'Ordni collu għażilni !.... L'imgħoddi ninseŭ, u minn għalija naħfirlec, u dal ħin l'Ordni jarġa rajc f'idejc jitlaklec. Kîs li mn'issa il kuddîem bir-rieda tiegħec f'gieħ San Giŭann tagħna int tinkèda (*igħannku*).

La Cerda—Irbaħtni, La Valette !

La Valette—U issa nitilku ilcoll lejn is-sŭar biex nagħmlu dmîrna, għaliex l'aħħar tiġriba għâdha gejja, Cavalieri.

(*Joħorġu ilcoll, barra minn Rodrigu li jibka ma La Cerda*).

## II

LA CERDA (*mħasseb u b'dagħdiegħa*)

LA CERDA—Holma din tiegħi?... Haŭn miegħu cont għâdni dac il bniedem li casbart u bgħadt u ridtlu id-dèni.... haŭn, dalħin, mdaŭŭar ma! cbarât tal Ordni, l'imħabba tiegħu semmieli u il maħfra tani.. jien? jien kgħadt għalieha, din il maħfra tiegħu? għajb għalic La Cerda!... dakshecc int ragel?... Reb aħni?... lili rebaħ La Valette?... lili?...

RODRIGU—(*jiersak lejh b'idejh miftuħä*) Leħen il maħfra, zi, sejjer int toħnoc f'kalbec?

LA CERDA—Mel'int bakjt haŭn?.... Għaliex mal għàdu tiegħi bilġri ma tlaktx?... Int... int ŭaħdec il gîd bkajt tridli... Lilec biss ħalleŭli, meta f'kiegħ ta ħabs xeħtuni.... Colħadd mellieni.... int biss fl'imrâr tiegħi għadirtni.

RODRIGU—M'hux jien biss, zi, iżda l'Ordni collu il gîd iridlec. U La Vall....

LA CERDA—Rodrigu!.. dac l'isem ser tarġa issemmili?

RODRIGU—Chelma natic li....

LA CERDA—Jaħasra għalic!... int għâdec ma tgħallimtx x'tâf tati id-dinja... dic ll ħanina kalbec, tifel żammitec.

RODRIGU—Emminni, zi!

LA CERDA—U għandec int ħila.... ŭara li f'ħabs xeħtuni u gieħi bil għilt tagħhom huma tebbgħuli, tridnî issa int.... f'riġlejn La Valette nixteħed, u...?

RODRIGU—B'dac is-sejf li f'idejc règa hu telaklec, ejja għal fuk is-sŭar, u ħiltec l'egħdeŭŭa uriehom.... Ma tismagħhom igħajjtu illi il kirda tagħna iridu?.. Niftacar... cont għâdni tarbija,meta bil ħeġġa tiegħec smajthom igħidu, u minn dac il ħin lejn l'Ordni tagħna ħassejt gibda.... Meta miet missieri, f'idejc ommi telkitni, u li!ha jien tlakt biex bħalec nimxi... mûr għal fuk is-sŭar, u miegħec jien nigi!....

## III

jidħol LASCRI

LA CERDA—Ibraħim !....... b'id-dŭejjak tiegħi gejt int tifraħ ?....

LASCRI—Għal Rodrigu jien gejt... aħfirli ( *joħroġ*).

LA CERDA—(*mħasseb*) Għalic hu giè.... xejn lili ma riedni ! Mûr miegħu, Rodrigu... m'għandecx lili xi tridni.... mûr.... u ŭaħdi itlakni, jecc tatic kalbec... (*Rodrigu jitlak*) Ibka.... la tmurx! ( *jissocta ŭaħdu*:) U dic ommu x'ser tgħîdli, jecc dan binha imut, u jien il bxara neħdilha ?...

## IV

jidħol FRA GIACBU, mbagħd MANFREDI

LA CERDA—Int ucoll ?... x'gejt haŭn înt tagħmel ?... Jakaŭ hu bagħtec ?...

FRA GIACBU—Gejt għalic, Fra Giŭann; in-nies tagħna jitkagħbdu mal egħdeŭŭa, u int haŭn ?... Rodrigu bagħatni !

LA CERDA—Rodrigu ?... fejn hu Rodrigu ?...

MANFREDI— ( *jidħol b'sejf* ) Rodrigu int għidt ?... Dan is-sejf hu bagħatlec.... tagħarfu, La Cerda ?

LA CERDA—Nfetaħ art iblagħni!.. ( *jaka' għarcobtejh*) Alla tiegħi, int sbaktni !...

MANFREDI—Cont magenbu Rodrigu, meta vleġġa ta Mislem kalbu nifditlu.... ismec semma... La Cerda! kâl; u ruħu ħarget.

LA CERDA—(*jaħtaf is-sejf mn'îd Manfredi*) Biex nitħallas, jien sejjer*!* ( *jitlak b'dagħdiegħa* ).

FRA GIACBU—Nitilku bilġri lis-sultan natuh il bxara *jaħbtu joħorġu*).

## V

jidħol LASCRI

LASCRI—Tifħir l'Alla !... kàbel siegħa, iġ-ġħen ta Toledu jaslu bin-nies tagħna... ir-riħ jonfoħ fil kala', u haūn igibhom biex magħna jintgħakkdu....

FRA GIACBU— Alla tal ħniena !

(*jidħol La Valette u miegħu Monti u Castrioto*)

LA VALETTE—L'egħdeūūa maħrubin!... Chif lemħu il klugħ tan-nies ta Toledu, tilfu râshom, libtu, nfixlu... u għal fuk ix-xūieni tagħhom xteħtu... bla ma ikîsu il midrubin li urajhom telku..,. (*jidħlu Coppier u Robles*).

ROBLES—Monsinjur, in-nâr kegħdin jatu lit-tined tagħhom l'egħdeūūa....

COPPIER—Immorru għal fukhom il Misilmîn li telku urajhom fuk il plajja ?

LA VALETTE—Issa itilkulhom.... u il ūegħda tiegħi immorru il cnisja nagħmlu.

## VI

(*Fil ħin La Cerda jindehes bis-sejf f'îdu minn bejn il Cavalieri; jinxteħed fl'art fuk riġlu il ūaħda kuddiem La Valette, b'ūiċċu bejn idejh.*)

LA CERDA—Monsinjur, il ħâti haūn niedem f'riġlejc jinxteħed, u maħfra minnec jitlob.

LA VALETTE—Niżżichajr, Alla tiegħi, fuk l'egħdeūūa rebbaħtna, u sal ħabib tiegħi raddejtli f'dan il jum mkaddes (*igħannku*).

*Jinżel is-siparju.*

# CUMMIEDJI, DRAMMI U FARSI

L'ISSIBUHOM FÍL

"COTBA TAL MOGĦDIJA TAŻ-ŻMIEN"

TA ALF. M. GALEA

**L'Artab u l'Imferfex** (fl'aħħar tal ctieb in-Nru. 41 "Il Martri ta Nagasaki")

**Bertu sâr Tabib** (in-Nru. 45)

**L'Imferfex** (in-Nru. 59)

**Il Presepju—Giŭrdien f'in-Nassa** (fil ctieb in-Nru. 86 "Ftit minn Collox)

**Htija u Maħfra—jaħbat aħjar mîn jidħac l'aħħar—Il Mistħi u l'Imżàttat—Ir-Ragel tat-Tiben** (fiż-żeŭġ cotba in-Nri. 96 u 97 "Cummiedji u Farsi")

**Il Fissûd tas-sur Nâz—Mħabba ta Iben—Il Pŭieni tal Mgeŭŭaħ** (fil ctieb in-Nru. 102 "Cummiedja, Dramma u Farsa" )

**It-Tallâb iż-Żgħir** (fil ctieb in-Nru.104 "Malta Nisranjja")

**Il Kassata tal Milied—Ragel, jeŭ Le?—Il Midneb u ix-Xitan** (in-Nru. 109)

**It-Telegramm** (fil ctieb in-Nru. 112 "Ŭerak tal Ħarifa")

**Ix-Xeħħa u'l Ħniena—Il Vâra ta Paŭlu Nciova** (fil ctieb in-Nru. 113 "It-Tïatru Għajn ta Tagħlim")

**Li Tiżra, Tâħsad—Kalzjet bejn Tnejn** (fil ctieb in-Nru.118 "Saghtejn f'Tïatru)

**Fuk l'għadd bil għaxra** (fil ctieb în-Nru. 119)

**Fil Korti minchejja fih!** (fil ctieb in-Nru 124 "Chienet b'Riżku" )

**San Tarcisju—Stejfen jilħaklu!** (in-Nru. 128)

**Jinsa dejjem** (fin-Nru. 129 "Teftif mlakkat l'haŭn u l'hinn" )

**Ir-Rebħa ta San Alŭigi** (in-Nru. 132)

**Ŭeggeħ il Missierec** (in-Nru. 139)

DUN PIETRU PAUL GRIMA

---

# Hajja ta Sîdna Gesù Cristu

MEHUDA MILL ERBGHA EVANGELI

---

**Tinbieh sitt soldi**

għand il Librar Gianni Muscat

48, Strada Mercanti—il Belt.

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY